MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 42/2011

**Joseph Galea u Nikolina Galea**

**vs**

**Joseph Cassar u Giorgina Cassar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-atturi nhar id-disgha (9) ta’ Frar, 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom is-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro (€11,646) rapprezentanti rigal ghat-twellija ta’ hanut tal-laham gewwa Hal Qormi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 1/2011 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta’ Jannar, 2011 u b’hekk il-konvenuti huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti prezentata nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Marzu, 2011 fejn eccepew is-segwenti:

*1. “Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub huwa gia imhallas u ghalhekk m’hu dovut xejn.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa preskritt ai termini tal-Ligi in partikolari l-Artikolu 2156 (f) tal-kodici Civili – Kap 16.”*

Rat ix-xhieda tal-konvenut **Joseph Cassar** moghtija nhar is-7 ta’ Lulju, 2011 fejn spjega illi huwa kellu hanut tal-laham l-Isla, minn fejn kien ibiegh il-laham u kien jiehu l-majjal minghand l-attur. Qal li fil-fatt kien jixtri gimgha minghandu u gimgha minghand haddiehor. Spjega illi pero’ wara xi hamest (5) ijiem li kien ha il-hanut, l-attur kien gieghlu jwellih lil haddiehor. Tenna li l-attur kellu hanut f’Hal Qormi li kien maghluq u ried iwellihulu bilfors. Qal li kien ftiehem mieghu li kien lest li jiehdu u l-attur akkompanjah ghand sid il-kera gewwa Hal Qormi u dan tah ic-cwievet tal-post li kien wellielu.

Qal li l-ghada kien mar Haz-Zebbug sabiex jaghti lill-attur il-flus tat-twellija, liema flus kienu jirrappresentaw l-ghodda u affarijiet simili u qallu sabiex jitlaq u li kien ser imur ghalihom hu stess l-ghada. L-ghada mar ghalihom u ha l-affarijiet mieghu. Tenna li huwa kellu fiducja kbira fih, kien jafdah u talbu bicca karta izda ma tahx. Il-konvenut qal li fil-hanut ma baqax ibiegh u kien tilef flus minnu tant li sahansitra kien anke irritornah lis-sid. Dan kollu gara xi tlettax (13)-il sena ilu.

Cahad li huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur. Sostna li l-attur kien imur hdejh sibt iva u sibt le u kien tah il-flus kollha. Qal li l-attur kien ibiegh mill-hanut tal-laham tieghu xi sittax (16)-il sena ilu. Dwar it-twellija tal-hanut huwa ma ghandu l-ebda karti u lanqas invoices moghtija lilu mill-attur. Qal li ilu bix-xoghol ta’ l-iscammel ghal dawn l-ahhar tlettax (13) -il sena minn mindu waqaf mill-hanut tal-laham. Ikkonferma li kien ilu ma jbiegh mill-hanut tal-laham ta’ Hal Qormi sa minn xi hmistax (15)-il sena. Cahad dak li gie allegat lilu li s-Sur Galea kien imur jitolbu il-flus u fil-fatt qal li ilu zmien ma jarah fis-sens li jarah ghaddej mit-triq pero’ ma jitkellmux. Huwa minnu pero’ li l-attur ghandu l-polza tal-bejgh tal-majjal. Ghalhekk l-attur

kien jixtri il-majjal, jaqblu fuq il-piz u imbaghad ihallsu ta' dak li jiehu. Tenna illi poloz qatt ma tah.

Rat l-affidavit ta' l-attur Joseph Galea pprezentat fl-ewwel (1) ta' Frar 2012 (fol. 16) fejn stqarr illi huwa kien ilu jaf lill-konvenut ghal snin twal u dan peress li l-attur kien jaghmel xoghol ta' sensal u kif ukoll ghandu diversi hwienet tal-laham operati kemm minnu kif ukoll mit-tfal tieghu. Huwa maghruf bil-laqam "Tal-Bajli", u jaf lil konvenut kemm b'ismu kif ukoll bhala "Tal-Frieres". Qal li s-somma flus li qed jitlob minghand il-konvenut m'hijiex ta' bicca xoghol wahda. Ghandu jtih €5,590 peress li xi hmistax (15) –il sena ilu kien wellielu l-hanut tal-laham gewwa San Gorg, Hal Qormi. Huwa kien bil-kera f'dan il-hanut u dahal minfloku l-konvenut. Il-konvenut kellu jhallsu din is-somma pero' qatt ma hallsu. Hemm ukoll is-somma pendenti ta' erbgha mitt lira (Lm400) ekwivalenti ghal disgha mija u wiehed u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€931.74) ghall-laham li halla fil-hanut li tah, u l-kumplament ossia erba' t'elef sitt mija u tmienja w hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,658.74) bhala prezz ta' majjali li kien jixtri mill-biccerija u jbiegh lilu. L-attur tenna li jinsab verament dispjacut li issa l-konvenut qed jghid li m'ghandu jhallsu xejn, u dan peress li l-attur kien jafu b'ragel u meta kien jarah dejjem kien jghidlu *"tinkwieta xejn ghaliex lilek jien ser inhalsek."*

Qal li huwa dam is-snin jistennih biex ihalsu u dejjem jissapportih u peress li kien jghidlu li kien ser ihalsu kien iserrah mohhu u jaghtih cans. Qal li sar jaf li l-konvenut kellu xi prorpjeta' Hal Qormi u sar jaf li kien bieghha lil terzi u mar ghandu sabiex jithallas la kien dahhal il-flus izda dan kien wiegbu li ma kienx biegh izda tpartit u kompla jghidlu sabiex iserrah mohhu ghaliex kien ser ihalsu zgur. Huwa kien mar ikellem lill-avukat tieghu u dan qallu li ghalkemm kien ghadda z-zmien xorta kellu dritt li jtihallas ghaliex il-konvenut dejjem ammetta mieghu li kellu itih.

Ikkonkluda billi qal li l-konvenut huwa bniedem fin-negozju u ghalhekk kieku verament halsu zgur li kien jitolbu

ricevuta u kien jipprodiciha u qal li fil-kawza, il-konvenut halef il-falz meta qal li m'ghandux jaghtih.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qed jecepixxi il-pagament u fit-tieni lok il-preskrizzjoni.

Jinghad minnufih skond sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet '**A Vella & Ce Guido J. vs Dr. Emanuel Cefai'** "*gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kienitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni izda.......... Una volta li tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha ghandu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju "contra non valentem agere non currit prescriptio." Stabbilit dan kien imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha bil-ligi biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew aktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-disposizzjoni tieghu."*

Hu principju pacifiku li min jallega l-pagament ghandu jippruvah (vide '**Marianna Cutajar Et vs Lorenzo Briffa',** deciza fl-10 ta' Ottubru 1957). Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet '**Joseph Said Ltd. (C5857) vs Vincent Galea',** fejn inghad li:

*Hawn ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet tal-konvenut ta' pagament jinkombi fuqu tenut kont tal-principju generali li min jallega jrid jipprova. Fid-dubju u fin-nuqqas tar-ricevuti kollha ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx kollu jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-kreditur huwa sodisfatt **("Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro. et nomine"** - A.C. 28 ta' Jannar 2000).*

Issa f'dan il-kaz il-konvenut ecepixxa in linea preliminari li l-ammont mitlub kien gja imhallas u ghalhekk kien jispetta

lilu jipprova li sar il-hlas u f'dan il-kaz gew invertiti il-provi. Il-konvenut xehed u kkonferma li kien hallas lill-attur ta' dak li kien qed jippretendi minnu u meta halsu kien talbu ricevuta izda dan ma tahx. Jghid li dan il-hlas kien ilu li sar xi tlettax-il sena. Qal li fil-fatt kien ilu li beda b'xoghol iehor u cioe' dak bl-iscammel xi hmistax-il sena. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien jghid lill-attur li ried ihalsu, l-konvenut jghid li ma hux minnu u effettivament kien ilu ma jarah zmien u li qatt ma tkelmu fuq xi pendenza ghaliex ma kienx hemm.

Minn naha l-ohra l-attur xehed u kkonferma li verament kien ghad baqghalu jiehu minghand il-konvenut u spjega x'kien jirrapprezenta il-kreditu li kellu. Jghid li effettivament l-ammont mitlub minnu kien jirrapprezenta biegha ta' laham majjal lill-konvenut, cessjoni ta' kirja ta' hanut li huwa ghamel a favur il-konvenut u valur ta' xi laham li huwa kien halla fil-fond li kien wellielu.

Ghalhekk kollox jiddependi fuq kredibilta' tax-xhieda.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza moghtija minnha nhar it-23 ta' Frar1965 fl-ismijiet '**Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat'** gie ritenut li:

"*Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt*."

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-28 ta' April 2004 fl-ismijiet '**Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et',** fejn gie ritenut li:

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa*

*bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

Referenza ohra qed issir ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**George Bugeja vs Joseph Meilak',** deciza fit-30 ta' Otubru 2003 fejn inghad li:

*"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Issa f'dan il-kaz jinghad li l-attur ma resssaq l-ebda prova sabiex jipprova jikkonvinci lill-Qorti li huwa effettivament ghandu dan il-kreditu. La gie esebit ic-cessjoni li saret, la l-*istock taking* li sar bejn il-partijiet qabel ma kien hemm il-*hand over*, la kien hemm xi referenza ghall-flus li ghaddew

mat-twellija - xejn. Il-Qorti hija rinfaccjata biss bix-xhieda tal-partijiet. Dak li jirrizulta u li mhux kontestat huwa li xi hmistax-il sena ilu kien hemm xi negozju bejn il-kontendenti u li effettivament il-konvenut kien ikkostitiwixxa ruhu bhala debitur ta' l-attur. Pero' minn hemm 'il quddiem il-Qorti hija rinfaccjata biss bis-shab ta' dak li effettivament sehh.
Il-konvenut ghalkemm ma ipprezenta l-ebda ricevuta sabeix jipprova li effettivament sar il-hlas lanqas ma ressaq provi ohra cirkostanzjali sabiex jipprova li effettivament ma kellux aktar dejn fis-sens li kien hallas. La ressaq xhieda, la spjega ta' x'hiex hallas u kif effettivament hallas u fejn hallas. Ma ta l-ebda informazzjoni dwar ic-cirkostanzi tal-pagament li qed jghid li ghamel u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni il-konvenut qed jecepixxi il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jiddisponi is-segwenti:

2156. "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni*
*bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kreditu li allegatament kellu l-attur huwa naxxenti minn negozju kummercjali u ghalhekk tali artikolu tal-ligi japplika ghall-kaz in ezami. La darba l-konvenut qed jecceppixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, mela allura huwa oneru tieghu li jipprova kemm li l-istess preskrizzjoni citata hija dik rikjesta ghal kaz de quo u wkoll li jezistu l-elementi rikjesti bhala fatt ghall-applikazzjoni tal-istess terminu taz-zmien.

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza "**Maria Zammit vs Lawrence James Capello et"** (A.C. 19 ta' Novembru 1962 -XLVI.i.372) li:-

"*Il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni instanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l-quddiem, u ghalhekk l-istess 'reus' huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament tal-azzjoni tieghu*".

Illi din is-sentenza fil-fatt segwit l-insenjament moghti fis-sentenza
**"Pasquale Bonello vs Matteo Grech**" (K.(P.V.) 9 ta' Jannar 1875) fejn similment gie ritenut li:

*"La prescrizione e' una eccezione opposta alla azione, ed e' regola invariabile che il-convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio' che serve di fondamento alla sua eccezione* - **Chardon, Del dolo e della frode, Vol.I - Toullier** Vol.4 para. 612".

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Victor Portelli vs Mark Psaila',** deciza fid-19 ta' Marzu 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili inghad li:

*"Il-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan min zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq;"*

Issa f'dan il-kaz l-konvenut xehed u kkonferma li verament kien hemm negozju bejnu u bejn l-attur izda dan sehh zmien ilu zgur qabel hmistax-il sena. Dan jghidu b'certezza ghaliex jghid li huwa kien jahdem fin-negozju tal-laham qabel ma beda bix-xoghol ta' l-iscammel u kien ilu jahdem bl-iscammel tlettax-il sena. L-attur minn naha tieghu li xehed wara li kien xehed l-konvenut, dwar zmien ma jikkontradixxix lill-konvenut u fil-fatt jikkonferma li n-negozju ta' bejniethom kien sehh hafna snin qabel u jghid li kien wella il-hanut xi hmistax-il sena qabel. Ghalhekk

dwar iz-zmien ma jidhirx li hemm kontestazzjoni ta' meta gie krejat il-kreditu ta' l-attur.

L-attur pero' jghid li huwa ma agixxiex qabel u ma pprezentax talba ghal flus qabel peress li l-konvenut kien dejjem jittratjeni u jghidlu li kien ser ihalsu u haseb li kien ragel u ma hassx li kellu jagixxi qabel. Dan pero' l-konvenut jichdu u jghid li kien ilu ma jara lill-attur zmien u li mhux minnu li kelmu dwar dan l-allegat kreditu tieghu ghaliex kreditu l-attur ma kellux.

Kif tajjeb inghad fis-sentenza fl-ismijiet '**Perit Edwin Calleja pro et vs vs Joseph Said et**', moghtija nhar il-31 ta' Ottubru 2003:

*"L-artikolu 2137 tal Kap 16 jistabilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dak in-nhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tigi ezercitata (ara Laurent Diritto Civile Vol 22 para 16)."*

Issa f'dan il-kaz l-kreditu kien dovut hmistax-il sena qabel ma nfethet il-kawza odjerna u l-attur ma ressaq l-ebda prova legali sabiex jipprova li t-terminu prefiss mill-ligi ghall-istituzzjoni tal-kawza giet interotta legalment u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta, qeghda tichad it-talba attrici u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' it-tieni eccezzjoni u tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, salv ghall-ispejjes dwar l-ewwel eccezzjoni ghandhom jithalsu mill-attur u l-ispejjez dwar l-ewwel eccezzjoni ghandhom jithalsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------